MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2007

Numru 385/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**John Polidano**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **John Polidano** ta' 40 sena, iben Rosario u Josephine *nee'* Mangion, imwieled Pieta' nhar id 29 ta' Lulju, 1965, residenti , 47, Triq id-Duluri, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 360965M;

Talli fl-4 ta' Gunju, 2004, wara nzul ix-xemx, fiz-Zurrieq ikkommettejt serq ta' vetttura tal-ghamla Ausitn Mini bin-numru tar-registrazzjoni Lan 679, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u l-valur li

ma jaccediex l-elf lira (Lm1000) sar ghad-dannu ta' Mary Rose Scarpello miz-Zurrieq.

Talli bejn l-4 u l-5 ta' Gunju, 2004, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg, u cioe' l-vettura msemija, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxiehom;

Talli bejn l-4 u l-5 ta' Gunju, 2004, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, soqt l-imsemmija vettura minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, b'hekk ma kontx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

Talli rrendejt ruhek recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 23 ta' Mejju, 1998,30 ta' Mejju, 1996, 5 ta' Frar, 1997, 20 ta' Frar, 1997, 17 ta' Dicembru, 1997, 30 ta' Marzu, 1998, 10 ta' Novembru, 1998, 23 ta' Marzu, 1999 u 23 t'April. 2004, kif ukoll bi tlett sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali datati 30 t'April, 1997, u talli kkommettejt rejati waqt il-perjodu operatti ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 13 ta' Jannar, 2004;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat;

Wara li rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuzi, hlief ghat-tieni wahda, jirrizultaw pruvati u qed issib lill-imputat hati taghhom;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza stante illi din hija wahda alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrizulta pruvata;

Wara li rat l-artikoli 261 (b) (c) (f) u (g), 278, 279, 280, 281, 49 u 59 u 28 B tal-Kap 9, 15 (1) (a) Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Tikkundannah ghal terminu ta’ priguneria ta’ sitt (6) xhur mil-lum u tiskwalifikah milli jkollu jew jotteni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum. Tittratta mal-hati ukoll billi testendi t-terminu ta’ sospensjoni ta’ prigunerja imposti bis-sentenza tat-13 ta’ Jannar 2004 ghal-sentejn ohra mil-lum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza inkluz li t-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn imposti bis-sentenza ta-13 ta’ Jannar 2004 ma jiddekorrux hlief jekk jikkometti rejat iehor bi prigunerija sa zmien sentejn ohra mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------